



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Frar 2023
(OR. en)

5938/23

FIN 119

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 800 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 30.1.2023 dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2022 għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 800 final.

Mehmuż: C(2023) 800 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2023
C(2023) 800 final

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 30.1.2023

dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2022 għall-2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 30.1.2023

dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2022 għall-2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi huwa xieraq li jsir ir-riport ta' ċerti approprjazzjonijiet mit-Taqsima III (il-Kummissjoni) tal-baġit tal-2022 għall-baġit tal-2023 għar-raġunijiet stipulati fl-Annessi,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-approprjazzjonijiet mit-Taqsima III (il-Kummissjoni) tal-baġit tal-2022 stipulati fl-Annessi I, II u III huma b'dan riportati għall-baġit tal-2023.

Magħmul fi Brussell, 30.1.2023

Għall-Kummissjoni
Johannes HAHN
Membru tal-Kummissjoni

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.